# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 5**

**Citazzjoni Numru 181/17**

**Mary Catania**

**v.**

**Lawrence Catania u Jennifer Catania**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici Mary Catania prezentat fis-26 ta' April 2017 li permezz tieghu hija talbet li s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Marzu 2017 u li minnha gie intavolat appell mill-konvenuti konjugi Catania, tigi dikjarata provizorjament esegwibbli a tenur tal-Artikolu 266 (7) al-Kodici tal-Procedura Civili.

Dan l-artikolu jghid illi "*il-Qorti ghandha tiddikjara li s-sentenza tkun esegwibbli provizorjament jekk tkun sodisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktar jikkaguna pregudizzju akbar lill-parti li titlob id-dikjarazzjoni skont is-subartikolu (1) milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja*".

Il-konvenuti naturalment qed jopponu ghal din it-talba. Bazikament l-argument taghhom huwa li l-procedura mibdija permezz ta' dan ir-rikors jekk tigi milqugha t-talba tar-rikorrenti jikkawzalhom aktar pregudizzju billi jkun ifisser li jigu zgombrati mill-fond fejn jabitaw u ilhom jabitaw diversi snin.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn; l-attrici istitwiet il-kawza ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kap. 16 u talbet li l-konvenuti jigu zgombrati mill-fond imsemmi li allegat li huma kienu qed jokkupaw minghajr titolu. Il-Qorti laqghet it-talba u allura ddecidiet il-kawza bid-dispensa tas-smigh. L-attrici rikorrenti tikkoncedi li din hija procedura eccezzjonali izda targumenta li fis-sitwazzjoni ezistenti ma jkunx gust li l-konvenuti jibqghu jokkupaw il-fond in kwistjoni meta hija ma ghandiex fejn toqghod u qeghda f'sheltered home. B'hekk qed targumenta li aktar dewmien se jikkaguna hafna aktar hsara lilha milli lill-parti sokkombenti

anke jekk eventwalment jintlaqa' l-appell taghhom li pero` hija qed issostni li huwa frivolu u vessatorju u intiz biss biex jiggwadanja z-zmien.

Il-Prim'Awla tal Qorti Civili fil-kawza fl-ismijet **Yolanda Formosa v. Maggur Frank Formosa**, deciza fl-10 ta' Gunju 1964 qalet illi:

> "il-Qorti ma ghandha quddiemha ebda presunzjoni li s-sentenzi bhala regola ma jistghux jigu esegwiti jew xi desideratum f'dan is-sens, ghaliex sentenza tal-ewwel grad, ghalkemm mhix gudikat hija dejjem konkluzjoni tal-Qorti fuq il-kaz u tiswa aktar minn semplici argument. Kieku ma kienx hekk ma kinitx tinkiteb id disposizzjoni in kwistjoni. Il-ligi … tghid biss li s-sentenzi li ma ghaddewx in gudikat mhumiex minnhom infushom esegwibbli u jirrikjedu dikjarazzjoni specjali biex ikunu esegwibbli imma fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm aktar pregudizzju jekk is-sentenza ma tigix esegwita allura s-sentenza tal-ewwel grad issir ekwipolenti ghal wahda finali salv li fl-ewwel kaz l-esegwibilita` tkun provizorja u fit-tieni kaz tkun definittiva."

Din il-Qorti ma ghandhiex dubbju li f'kazijiet simili, normalment min ikun se jigi zgombrat permezz tas-sentenza in kwistjoni se jsofri necessarjament aktar pregudizzju bl-esekuzzjoni provizorja, mill-persuna li tkun qed titlob l-isgombrament (vide **Rizzo v. Bezzina**, Appell 10 ta' Jannar 1995) izda ma hemmx dubbju wkoll li gieli l-Qorti akkordat talbiet simili minhabba certi cirkostanzi – ara per ezempju s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Waterline Limited v. SJC Catering Limited** (31 ta' Ottubru 2013). F'dan l-istess kuntest (izda ta' ritrattazjoni) il-Qrati esprimew il-veduta wkoll illi:

> "… … … jekk ma tintlaqax it-talba ghas-sospensjoni l-ezekuzzjoni ta' issa tas-sentenza gja ottenuta timplika zewg zgumbramenti, f'kaz ta' ezitu favorevoli tar-ritrattazzjoni. Din il-possibilita` ghandha tigi evitata. Dan

> dejjem sakemm il-pregudizzju tal-intimata bin-nuqqas ta' tehid immedjat ta' hwejjigha ma jkunx tant gravi li anke diffikulta` simili trid tigi skartata." - **George Pavia v. Joseph Micallef**, Appell Civili, 4 ta' Mejju 1992.

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u ma jidher minn imkien li l-appellanti ressqu xi aggravju rigwardanti l-kawzali principali tal-appellati ghat-talba taghha – u cioe` li l-appellanti ma ghandhomx titolu biex jokkupaw il-fond in kwistjoni. Anke fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2017 li fiha l-appellanti kellhom jindikaw lill-Qorti jekk kellhomx xi eccezzjonjiet xi jressqu, l-ilment taghhom kien dwar l-oggetti li jinsabu fl-appartament in kwistjoni u l-allegazzjonijiet ta' abbuzi li semmiet l-appellata fir-rikors promotur taghha. L-istess fir-rikors tal-appell ma hemm ebda indikazzjoni li l-appellanti ghandhom xi pretensjoni ta' titolu u l-kwistjonijiet illi ssollevaw jirrigwardjaw l-istess incidenti li semmew fis-seduta msemmija. Dawn huma kwistjonijiet li ma jiirrigwardjaw xejn il-pern tal-kwistjoni u allura l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandiex tippermetti l-esekuzzjoni tas-sentenza f'dan l-istadju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017 fl-ismijiet premessi bhala provizorjament esegwibbli, b'dan li t-terminu indikat fl-istess sentenza ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez ta' din il-procedura, peress li hu naturali ghall-parti sokkombenti li topponi – altrimenti tippregudika serjament l-appell taghha – jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df